MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 1167/2013

**Rikors Numru 1167/13 SM**

**Fl-ismijiet:**

**Joseph Farrugia u Karmenu Farrugia**

**vs**

**NFR Limited (C-49560)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-6 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` intimata fuq indikata ghandha ittihom erbgha u hamsin elf, erba' mija u wiehed u tmenin Ewro, (€54,481.00) bilanc minn somma akbar ghall-twaddib ta' materjal fil-barriera proprjeta` tar-rikorrenti imsemmija fl-istess rikors guramentat promotur;

1.2. Illi nonostante li s-socjeta` intimata kienet ghalhekk interpellata diversi drabi, din xorta baqghet inadempjenti;

1.3. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti aderew din il-Qorti biex din:

1.3.1. Tiddikjara lis-socjeta` intimata hi debitrici tar-rikorrenti fis-somma fuq indikata, (ara paragrafu wiehed punt wiehed (1.1)), aktar qabel;

1.3.2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata biex thallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

1.3.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat il-verbal datat il-21 ta' Mejju, 2014, fejn wara li kkonstatat li n-notifika tas-socjeta` intimata giet debitament stabbilita is-socjeta` intimata baqghet ma ntavolat l-ebda risposta u ghalhekk tirrizulta li qeghda fi stat ta' kontumacja;

3. Semghet ix-xhieda prodotta;

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Rat ukoll il-verbal datat il-21 ta' Mejju, 2014, fejn a bazi tal-artiklu 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stabbiliet il-perjodu hemm indikat biex is-socjeta` intimata kontumaci tkun f'posizzjoni li taghmel is-sottomissjonijiet skritti taghha biex tiddefendi ruhha kontra t-talba tar-rikorrenti;

6. Ikkonstatat li dan il-perjodu ghadda inutilment;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi mix-xhieda tar-rikorrenti jirrizulta assodat is-segwenti:

7.1. Illi s-socjeta` intimata radmet xi materjal taghha fil-barriera proprjeta` tar-rikorrenti li qeghda fi Is-Sejba, l-Imqabba;

7.2. Illi ta' dan is-servizz is-socjeta` intimata ghad ghandha thallas lir-rikorrenti l-ammont bilancjali minnhom rikjamat f'din il-procedura;

7.3. Illi nonostante li kienet interpellata biex teffettwa l-pagament dovut, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

7.4. Illi *di piu`*, din ukoll baqghet inadempjenti nonostante l-assikurazzjonijiet personali li saru lir-rikorrenti mir-rapprezentant tal-istess socjeta` intimata;

Ikkunsidrat:

8. Illi in vista tal-premess, u tenut kont li l-istess socjeta` intimata ghazlet li ma tuzufruwix ruhha mill-possibilita` lilha moghtija li tipprezenta sottomissjonijiet skritti biex b'xi mod tiddefendi lilha nnifisha tqis li r-rikorrenti ippruvaw il-kaz taghhom skond il-ligi;

**DECIDE:**

9.0. Illi ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

9.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata NFR Limited hi debitrici tar-rikorrenti Joseph Farrugia u Karmenu Farrugia fis-somma ta' erbgha u hamsin elf erba' mija u wiehed u tmenin Ewro, (€54,481.00), bilanc minn somma akbar;

9.2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas is-somma indikata fil-paragrafu precedenti lill-imsemmija rikorrenti;

9.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------